MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 879/2008

**Jean Pierre Cini**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' l-attur ippreżentat fid-29 ta' Awissu, 2008 li permezz tiegħu espona bir-rispett:

Illi r-rikorrenti twieled Tunis fit-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena 1948.

Illi r-rikorrent għex Tunis għal sentejn wara twelidu u reġa' ġie lura Malta.

Illi meta kellu għoxrin (20) sena ir-rikorrenti mar jgħix l-Ingilterra fejn għadu hemm sa llum-il ġurnata.

Illi ċirka sena ilu r-rikorrent applika ma’ l-intimat sabiex jinħariġlu att ta’ twelid, liema att fil-fatt ħareġ fis-26 ta’ Mejju tas-sena 2008 u jġib in-numru progressiv 1645/2008.

Illi madankollu wħud mid-dettalji li ngħataw lill-intimat kienu inkorretti u għalhekk fiċ-ċertifikat ta’ twelid tar-rikorrenti, liema att iġib in-numru progressiv 1645/2008 jeżistu żbalji li se jiġu ndikati hawn taħt.

Illi effettivament dana sar minħabba l-fatt li meta r-rikorrent bagħat *translation* ta’ l-estratt taċ-ċertifikat tat-twelid maħruġ mill-awtoritajiet ta’ Tunis lill-awtoritajiet ta’ Malta, fuq dana l-istess estratt erronjament kien hemm miktub isem ir-rikorrenti b’ *“r”* wiehed u mhux tnejn kif jindika ċ-ċertifikat oriġinali.

Illi *inoltre* f’isem ir-rikorrenti ma jeżisti l-ebda *“-”* hekk kif erronjament ġie ndikat fl-att tat-twelid imsemmi.

Illi għaldaqstant l-iżbalji msemmija seħħew meta l-awtoritajiet Tuneżini ħarġu estratt taċ-ċertifikat tar-rikorrent b’isem mhux skond iċ-ċertifikat oriġinali.

Illi r-rikorrent għandu nteress illi dawn l-iżbalji jiġu korretti.

Għaldaqstant u prevja kull dikjarazzjoni li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti fiċ-ċirkostanzi ta’ dan il-każ, l-attur umilment jitlob li għar-raġunijiet hawn fuq premessi, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi isem ir-rikorrent hekk kif muri fiċ-ċertifikat ta’ twelid liema att iġib in-numru progressiv 1645/2008 huwa inkorrett u għandu jkun *“Jean Pierre Cini”*;

2. Tordna l-korrezzjoni ta’ l-imsemmi ċertifikat ta’ twelid 1645/2008 fis-sens hawn imsemmi, u ċioe’ billi:

*i.* fil-kolonna ntestata *"ismijiet mogħtijin"* għandu jitniżżel il-kliem *"Jean Pierre Cini"* minflok *"Jean-Pierre Cini";*

3. Tordna lil konvenut joħroġ att tat-twelid hekk kif korrett.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa qed jiġi nġunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut ppreżentata fl-1 ta' Diċembru 2008 fejn intqal bil-qima:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jeħtieġ li ssir korrezzjoni fl-annotazzjoni wkoll u li l-korrezzjonijiet mitluba jsiru skond l-Att tat-Twelid oriġinali u mhux skond l-estratt.

3. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gażżetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhux attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-intimat li għaldaqstant m'għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta' l-istanti.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Tant l-esponent għandu x'jissottometti għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-affdavits ta' l-attur;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Diċembru 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hija azzjoni *ai termini* ta' l-artikolu 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li tagħti dritt ta' azzjoni biex jiġi korrett xi att ta' l-istat ċivili ta' persuna.

Jirriżulta li t-talbiet attriċi huma ġustifikati billi sar żball pero' mhux imputabbli lill-konvenut illi allura ma għandux jeħel spejjeż. Infatti anke fil-verbal tat-3 ta' Diċembru 2008 il-partijiet qablu li l-isem in kwistjoni ikun korrett f'kull kolonna ta' l-att tat-twelid.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi, b'dan li l-isem ikun korrett f'kull kolonna ta' l-att tat-twelid in kwistjoni; l-ispejjeż jitħallsu mill-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------